MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2013

Numru. 631/2009

**Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Mary Louise Refalo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Mary Louise Refalo ta' 44 sena, bint Carmelo Zammit u Josephine Xuereb, imwielda nhar l-20 ta' Awwissu 1964 gewwa l-Pieta' u residenti 41, Pjazza Patri Magri, Marsa u detentrici tal-karta tal-identita' numru 427464(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F'dawn il-Gzejjer u cioe nhar is-6 ta' Lulju 2008, fi Triq Durumblat, Mosta, ghall-habta ta' 02.30 a.m.; waqt li kienet qieghda ssuq vettura, bin-numru tar-registrazzjoni JAF051 ta' ghamla Mercedes, nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew

b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta’ natura gravi li kkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem tal-persuni ta’ Alfred Cuschieri u Leon Manuel Refalo, skond kif iccertifika Dr. Michael Spiteri MD ta’ M.D.H.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz.

F’kaz ta’ sejbien ta’ htija l-Prosekuzzjoni umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tiskwalifika lill-hatja mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan u biex ukoll tapplika l-provedimenti tal-artikolu 41 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imputata lejn Alfred Cuschieri.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata 11 ta’ Mejju 2011 (esebita a fol. 88 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 15(1)(a), (2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta’ Frar 2012, l-imputata ddikjarat li hija m’ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fis-6 ta’ Lulju, 2008 fi Triq Durumblat, Mosta ghall-

habta tas-2:30am bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 093 tal-ghamla Skoda misjuqa minn Alfred Cuschieri u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAF 051 misjuqa mill-imputata fejn sofrew griehi ta' natura gravi kemm il-parti civili kif ukoll Leon Manuel Refalo li kien passiggier fil-vettura tal-imputata, it-tnejn sofrew griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza tal-incident. Mill-provi rrizulta li l-vettura EAZ 093 kienet qeghda tinstaq mid-direzzjoni H'Attard lejn ir-Rabat u nstabet fuq in-naha tax-xellug tat-triq filwaqt li l-vettura misjuqa mill-imputata kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Instab debris fuq in-naha tat-triq minn fejn kien gej Cuschieri. Mill-provi rrizulta wkoll li dik il-parti ta' Triq Durumblat fejn sehh l-incident kienet maghluqa ghat-traffiku peress li kienu qed isiru xi xoghlijiet u kien hemm gandott fit-triq li kien mirdum u mwitti u ndikazzjoni fiz-zewg nahat li kienu qed isiru x-xoghlijiet u li ghalhekk ma setghax ikun hemm dhul. Iz-zewg sewwieqa, t-tnejn qalu, li waqt li kienu qed isuqu, l-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta baqghet diehla fihom. Mir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina[1], jirrizulta li d-debris nstab fil-karreggjata li kien qed isuq fiha Alfred Cuschieri, u cioe' fejn kien hemm il-kanal imwitti u li bid-daqqa l-vettura tal-imputata daret lejn il-hajt u l-vettura ta' Cuschieri ntefghet lura. Mill-istess rapport irrizulta wkoll li t-triq kienet xotta u d-dawl kien mixghul u li kien hemm barriers fejn ir-roundabout li taghti ghal fejn Hal Mann u ohrajn fejn hemm triq li tmur lejn il-Mithna tal-Mosta u li kien thalla spazju sabiex ikunu jistghu jghaddu biss l-klijenti li riedu jaccedu ghall-Flower Power. Mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit[2] jirrizulta li l-hsara fil-vettura EAZ 093 kienet tant estensiva li l-vettura kienet *beyond economical repair* filwaqt li ghalkemm il-hsara fil-vettura tal-imputata wkoll kienet estensiva xorta wahda setghet tigi rrangjata. L-imsemmi espert wara li ghamel l-ezamijiet teknici necessarji fuq il-vettura misjuqa mill-imputata sabiex jistabilixxi jekk kienx hemm xi raguni l-ghala din tilfet il-kontroll tal-vettura, ikkonkluda li ma kien hemm ebda fault tekniku fil-vettura li seta' kien il-kawza tat-telf ta' kontroll tal-istess vettura.

---

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 16 et seq tal-Process Verbal inserit a fol. 16 tal-atti processwali.
[2] Rapport relattiv inseri a fol. 51 tal-Process Verbal.

Alfred Cuschieri xehed fis-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2010 fejn qal li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien spicca mix-xoghol u kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EAZ 093 gej mid-direzzjoni ta’ H’Attard u sejjer lejn il-Mosta. Huwa qal li Triq Duramblat kienu qed isiru x-xoghlijiet fiha u kien hemm il-barrikati izda nofshom kienu miftuhin u kien hemm vlegga sabiex tidhol u ma kien hemm ebda tabella NO ENTRY. Huwa qal li kien qed isuq fuq sajdu u jiftakar li wasal hdejn tal-Flower Power u kien qed isuq bil-mod izda wara li qabez il-Flower Power ma jiftakar xejn aktar. Huwa spjega li gie f’sensieh xi jiem wara fl-ITU. Huwa qal li dam kwazi xahrejn rikoverat l-Isptar, kellu griehi f’saqajh il-leminija fejn sarulu erbgha u ghoxrin (24) punt u ghad trid issirlu operazzjoni fl-istess sieq. Meta xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-19 ta’ Lulju, 2012 Alfred Cuschieri qal li x-xoghlijiet kienu fuq in-naha tieghu tat-triq u cioe’ fuq ix-xellug tat-triq jekk wiehed gej minn H’Attard u sejjer lejn il-Mosta u qal li max-xellug tieghu kien hemm gandott izda kien imwitti. Cuschieri sostna li fuq il-barriers li kien hemm minn fejn dahal hu kien hemm vlegga lejn il-Mosta. Huwa qal ukoll li kien qed isuq b’velocita’ ta’ bejn 40 u 45 kilometru fis-siegha u qal li l-vettura l-ohra ma rahiex qabel l-impatt. Alfred Cuschieri spjega li huwa kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq u ghaddej fuq il-gandott u spjega li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fuq quddiem lejn il-gemb u ma setghatx titranga.

PS935 Patrick Cassar li xehed f’dawn il-proceduri fl-udjenza tal-24 ta’ Frar, 2010 spjega li huwa mar mill-ewwel fuq il-post u qal li peress li kienu qed isiru x-xoghlijiet fit-triq din kienet maghluqa u kien hemm NO ENTRY signs fiz-zewg nahat u l-unika entrance li kien hemm kienet ghall-vetturi li riedu jaccedu ghall-Flower Power.

L-imputata Marie Louise Refalo ghazlet li tixhed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-31 ta’ Jannar, 2013 fejn qalet li fil-gurnata u hin tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAF 051 u kellha lil zewgha bhala passiggier. Hija qalet li kienet gejja mid-

direzzjoni tal-Mgarr u sejra lejn H'Attard. Hija qalet ukoll li l-incident sehh fit-triq tal-Flower Power u li kien hemm gandott man-naha tal-lemin taghha ghaliex kienu qed isiru x-xoghlijiet fit-triq. Hija qalet li man-naha tal-lemin kien hemm zewg barriers tal-plastic u kien hemm vlegga sabiex tidhol min-naha tax-xellug u ghalhekk hija dahlet minn dik in-naha. Hija qalet li lahqet saqet tlett kwarti tat-triq meta hasset daqqa *head on* minn vettura gejja mid-direzzjoni opposta u bid-daqqa, l-vettura taghha giet thares lejn il-lemin. L-imputata sostniet li mill-istess direzzjoni li kienet gejja hi giet vettura ohra u l-persuni li kienu f'din il-vettura waqfu sabiex jaghtuhom l-ghajnuna.

Ikkunsidrat :

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba mill-partijiet, il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-Ligi li l-kawza prossima tal-incident kien is-sewqan perikoluz u traskurat da parti tal-imputata li mhux biss dahlet fi triq fejn kien hemm sinjal ta' NO ENTRY ghaliex kienu qed isiru x-xoghlijiet izda mbaghad ghal xi raguni spiccat issuq fuq in-naha tal-lemin tat-triq sabiex habtet *head on* mal-vettura misjuqa minn Cuschieri u li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Huwa minnu li anke s-sewwieq l-iehor kellu NO ENTRY SIGN u li ghalhekk lanqas hu ma kellu jaccedi ghal dik it-triq izda l-Qorti jidrilha li dan il-fatt ma kienx il-kawza prossima tal-incident. Iz-zewg sewwieqa nvoluti f'dan l-incident it-tnejn zbaljaw meta naqsu li jindunaw bin-NO ENTRY SIGNS li kien hemm fiz-zewg direzzjonijiet skond ma indika kemm PS 935 kif ukoll l-esperti mahtura mill-Qorti fl-Inkjesta Magisterjali izda kien biss il-fatt li l-imputata ghal xi raguni nvadiet il-karreggjata li kien qed isuq fiha Cuschieri li kkawzat l-incident. L-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina fil-fatt jindika li debris nstab fil-karreggjata fejn kien qed isuq Cuschieri u dan jindika li l-*ispot of impact* kien fin-naha tat-triq fejn kien hemm il-gandott imwitti. Ir-ritratti mehuda minn PS 935 Patrick Cassar u nseriti a fol. 109 sa fol. 111 jikkonfermaw dak li xehed Alfred Cuschieri u cioe li huwa kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq u li ghadda minn fuq il-gandott imwitti. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li

l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament minhabba sewqan perikoluz u traskurat da parti tal-imputata Marie Louise Refalo.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputata ghandha fedina penali nadifa kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn iz-zewg sewwieqa t-tnejn kienu ghaddejin minn triq li mhux suppost dahlu fiha minhabba x-xoghlijiet u jidrilha li ghandha timponi piena pekunjarja u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan. In kwantu jirrigwarda n-natura tal-griehi sofferti mill-parti civili, l-Qorti jidrilha li jirrizulta pruvat li dawn kellhom l-effetti ndikati fl-Artikolu 216 izda mhux fl-Artikolu 218.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-11 ta’ Mejju, 2011 u senjatament l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha multa ta’ elf u mitejn ewro (€1,200) u tiskwalifikaha milli zzomm jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------